SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

5 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2002/22/KE – Servizz universali u drittijiet tal-utenti fir-rigward tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Artikolu 26(5) – Numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza – Tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel"

Fil-Kawża C-417/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ġunju 2018, fil-proċedura

AW,

BV,

CU,

DT

vs

Lietuvos valstybė, irrappreżentat mil-Lietuvos Respublikos ryšių reguliavimo tarnyba, mill-Bendrasis pagalbos centras u mil-Lietuvos Respublikos vidaus reikalų ministerija,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President ta' Awla, K. Jürimäe, D. Šváby, S. Rodin u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' Diviżjoni,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Mejju 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AW, BV, CU u DT, minn L. Šaltinytė, assistita minn L. Žalnieriūnas, advokatas,

– għall-Gvern Litwan, minn R. Dzikovič, K. Dieninis u R. Krasuckaitė, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Litwan.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun, S. L. Kalėda, L. Nicolae u A. Steiblytė, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU 2002, L 108, p. 51), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 10) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/22").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, AW, BV, CU u DT (iktar 'il quddiem "AW *et*"), u, min-naħa l-oħra, il-Lietuvos valstybė (l-Istat Litwan), irrappreżentat mil-Lietuvos Respublikos ryšių reguliavimo tarnyba (l-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet), mill-Bendrasis pagalbos centras (iċ-Ċentru Komuni tas-Servizzi ta' Emerġenza) u mil-Lietuvos Respublikos vidaus reikalų ministerija (il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Litwanja) dwar it-talba tagħhom għad-danni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2002/22

3 Il-premessa 36 tad-Direttiva 2002/22 tipprovdi:

"Huwa mportanti li l-utenti jkunu jistgħu jsejħu in-numru uniku ta' emerġenza Ewropew '112', u n-numri l-oħra tat-telefon ta' emerġenza nazzjonali, mingħajr ħlas, minn kull telefon, inklużi telefons pubbliċi bi ħlas, mingħajr l-użu ta' xi mezz ta' ħlas. […] L-informazzjoni dwar il-lok ta' min jagħmel is-sejħa, li għandha tintgħamel disponibbli għas-servizzi ta' l-emerġenza, ttejjeb il-livell ta' protezzjoni u s-sigurtà ta' l-utenti tas-servizzi ta' '112' u tgħin lis-servizzi ta' l-emerġenza, sal-limitu teknikament fattibbli, fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, basta illi t-trasferiment tas-sejħiet u tagħrif assoċjat għas-servizzi ta' emerġenza konċernati jiġi garantit. […]"

4 L-Artikolu 26 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-utenti finali kollha tas-servizzi msemmija fil-paragrafu 2, inklużi l-utenti ta' telefons pubbliċi bi ħlas, ikunu jistgħu jċemplu lis-servizzi ta' emerġenza mingħajr ħlas, billi jużaw in-numru uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza, in-numru '112' u numri nazzjonali ta' sejħiet ta' emerġenza speċifikati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, servizzi ta' emerġenza u fornituri, għandhom jiżguraw li l-impriżi li jipprovdu lill-utenti finali b'servizz ta' komunikazzjoni elettronika għal sejħiet ta' oriġini nazzjonali lil numru jew numri fi pjan ta' numerazzjoni telefonika nazzjonali, jipprovdu aċċess għal servizzi ta' emerġenza.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sejħiet fuq in-numru uniku Ewropew ta' emerġenza '112' għandhom jitwieġbu b'mod xieraq u ttrattati bil-mod l-aktar adattat għall-organizzazzjoni nazzjonali tas-sistemi ta' emerġenza. Dawn is-sejħiet għandhom jitwieġbu u jiġu ttrattati malajr u effiċjentement almenu daqs li kieku kienu sejħiet fuq in-numru jew numri nazzjonali ta' emerġenza, fejn dawn ikunu għadhom jintużaw.

[…]

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi konċernati jagħmlu l-informazzjoni dwar il-post minn fejn issir is-sejħa disponibbli mingħajr ħlas lill-awtorità li titratta sejħiet ta' emerġenza malli s-sejħa tidħol għand l-awtorità. Dan għandu japplika għas-sejħiet kollha għan-numru uniku Ewropew ta' sejħiet ta' emerġenza '112'. L-Istati Membri jistgħu jestendu dawn l-obbligi biex ikopru sejħiet għal numri nazzjonali ta' emerġenza. L-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jistabbilixxu kriterji għall-preċiżjoni u l-affidabilità tal-informazzjoni pprovduta dwar il-post tal-oriġini tas-sejħa.

[…]"

Id-Direttiva 2009/136

5 Il-premessa 39 tad-Direttiva 2009/136 tipprovdi:

"L-utenti finali għandhom ikunu jistgħu jsejħu lil u jidħlu fis-servizzi ta' emerġenza bl-użu ta' kwalunkwe servizz telefoniku li hu kapaċi joriġina sejħiet vokali permezz ta' numru jew numri fil-pjan ta' numerazzjoni telefonika nazzjonali. […] L-obbligu biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-post mnejn toriġina t-telefonata għandu jissaħħaħ sabiex jitkabbar il-ħarsien taċ-ċittadini. B'mod partikolari, l-impriżi għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar il-post mnejn tkun qed issir is-sejħa lil servizzi tal-emerġenza hekk kif is-sejħa tilħaq dak is-servizz indipendentement mit-teknoloġija użata. […]"

Id-dritt Litwan

Il-liġi tar-Repubblika Litwana Nru IX-2135 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi

6 L-Artikolu 34(10) tal-Lietuvos Respublikos elektroninių ryšių įstatymas nºIX-2135 (il-Liġi tar-Repubblika tal-Litwanja Nru IX-2135 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi), tal-15 ta' April 2004 (Žin., 2004, Nru 69–2382), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, kien jipprovdi:

"Il-forniturі kollha ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku għandhom, skont il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità regolatorja tal-komunikazzjonijiet, jiżguraw mingħajr ħlas lill-abbonati tagħhom stess jew lill-utenti ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi, inklużi l-utenti ta' telefons pubbliċi bi ħlas u l-abbonati jew l-utenti b'diżabbiltà, l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza stabbiliti mill-awtoritajiet."

7 L-Artikolu 68(2) ta' din il-liġi kien ifformulat kif ġej:

"Il-forniturі ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jittrażmettu bla ħlas liċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza l-informazzjoni dwar il-post minn fejn issir kull telefonata ta' emerġenza (kif ukoll id-data dwar il-fluss), mingħajr il-kunsens tal-abbonat jew tal-utent effettiv tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. L-informazzjoni dwar il-post minn fejn issir kull telefonata ta'emerġenza hija trażmessa bla ħlas meta ċ-ċentru komuni ta' servizzi ta' emerġenza jwieġeb għat-telefonata ta' emerġenza. Iċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza jissottometti lill-awtorità regolatorja tal-komunikazzjonijiet proposti

dwar il-kriterji ta' preċiżjoni u ta' affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel. Fid-dawl tal-proposti sottomessi lilha miċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza, l-awtorità regolatorja tal-komunikazzjonijiet għandha tistabbilixxi l-kriterji ta' preċiżjoni u ta' affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel. L-ispejjeż ta' xiri, ta' installazzjoni (adattament), ta' tiġdid u ta' funzjonament tal-apparat (u tas-softwer relatat) li ma humiex indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività tal-fornitur iżda huma meħtieġa sabiex jittrażmettu l-informazzjoni dwar il-post (inkluża d-data dwar il-fluss) liċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza għandhom jiġu rrimborsati lill-forniturі ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet u ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku mill-baġit tal-Istat skont il-modalitajiet stabbiliti mill-gvern. Id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu eżegwiti skont il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 34(10) ta' din il-liġi."

Ir-regoli ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza

8 Permezz ta' Digriet Nru 1V-1087, tas-7 ta' Novembru 2011, id-direttur tal-awtorità regolatorja tal-komunikazzjonijiet stabbilixxa r-regoli ta' aċċess tal-abbonati jew tal-utenti għas-servizzi ta' emerġenza żgurati mill-awtoritajiet (iktar 'il quddiem ir-"regoli ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza").

9 Il-punt 4.5.4.1 ta' dawn ir-regoli jipprevedi li l-forniturі ta' netwerk tal-mowbajl għandhom jittrażmettu l-informazzjoni dwar il-post bi grad ta' preċiżjoni li huwa dak tal-kopertura tal-istazzjon bażi (tas-settur) (*Cell-ID*). F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-imsemmija regoli ma jippreċiżawx b'liema grad ta' preċiżjoni minimu l-istazzjon bażi għandu jittrażmetti l-post u lanqas kemm għandha tkun id-densità ta' fejn għandhom ikunu stabbiliti l-istazzjonijiet bażi.

10 Skont il-punt 4.5.4.2 tar-regoli ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, 95 % tal-informazzjoni kollha dwar il-post għandha tiġi trażmessa b'dewmien li ma jaqbiżx 20 sekonda sa mill-mument meta l-konnessjoni hija stabbilita mal-pożizzjoni taċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza, jew mill-mument tat-talba magħmula miċ-ċentru komuni tas-servizzi ta' emerġenza lill-fornitur ta' netwerk jew ta' servizzi ta' komunikazzjoni tal-mowbajl.

11 Il-punt 4.5.4.3 tar-regoli ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza jipprovdi li s-sistema ta' trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-post tal-forniturі ta' netwerk tal-mowbajl għandha tkun kompletament idduplikata u aċċessibbli għal tal-inqas 97 % tas-sena.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 AW *et* huma qraba ta' ES, żagħżugħa ta' 17-il sena, vittma ta' att kriminali. Mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li fil-21 ta' Settembru 2013, madwar is-sitta ta' filgħodu, f'subborg ta' Panevėžys (il-Litwanja), ES inħatfet, ġiet stuprata u inħarqet ħajja fil-kompartiment tal-bagalji ta' karozza. Peress li ngħalqet f'dan il-kompartiment tal-bagalji, hija kienet sejħet, bl-użu ta' telefon ċellulari, iċ-ċentru Litwan li jirċievi telefonati ta' emerġenza, fuq in-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112" (iktar 'il quddiem il-"112") madwar għaxar darbiet, biex titlob l-għajnuna. Madankollu, l-apparat taċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza ma kienx juri n-numru tat-telefon ċellulari użat, li pprekluda lill-impjegati ta' dan iċ-ċentru li jistabbilixxu l-pożizzjoni tagħha. Ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat jekk it-telefon ċellulari użat minn ES kienx fih kard SIM u lanqas għalfejn in-numru tagħha ma kienx viżibbli fiċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza.

13 AW *et* ippreżentaw rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, intiż għall-kundanna tal-Istat Litwan għall-kumpens għad-dannu morali mġarrab mill-vittma, ES, u minnhom stess, il-qraba tagħha. Insostenn tar-rikors tagħhom, huma jsostnu li r-Repubblika tal-Litwanja ma żguratx b'mod korrett

l-implimentazzjoni prattika tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22. Din l-ommissjoni kellha bħala riżultat l-impossibbiltà li tiġi trażmessa lis-servizzi ta' pulizija fuq il-post informazzjoni tal-post fejn kienet tinsab ES, li waqqfithom milli jmorru jgħinuha.

14 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, minn naħa, l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 jimponix l-obbligu ta' trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel, meta t-telefonata tkun saret minn apparat li ma jkunx fih Kard SIM u, min-naħa l-oħra, jekk, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tippermetti li jsiru telefonati lill-112 minn telefon ċellulari mingħajr Kard SIM, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel għandhiex tiġi ddefinita skont l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22.

15 Jekk jiġi kkunsidrat li, fil-każ ta' telefonata lill-112 minn telefon ċellulari mingħajr kard SIM, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw l-istabbiliment tal-post fejn jinsab min iċempel, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk, fid-dawl tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22, il-leġiżlazzjoni Litwana applikabbli tippermettix li jiġi żgurat l-istabbiliment tal-post fejn jinsab min iċempel b'mod suffiċjentement preċiż.

16 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tindika li jekk jirriżulta li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment tal-post fejn tinsab persuna li ċċempel il-112, anki fil-każ fejn din il-persuna ċċempel bl-użu ta' telefon ċellulari li ma jkunx fih kard SIM, hija jkollha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk rabta kawżali diretta għandhiex teżisti bejn il-ksur, mill-Istat Membru kkonċernat, ta' dan l-obbligu u d-dannu mġarrab minn individwi jew jekk rabta kawżali indiretta hijiex suffiċjenti meta, skont il-leġiżlazzjoni jew il-ġurisprudenza nazzjonali, tali rabta kawżali hija suffiċjenti sabiex tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

17 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 […] jimponi l-obbligu li jkun hemm trasmissjoni ta' informazzjoni dwar il-post minn fejn isiru telefonati minn apparat tal-mowbajl li ma fihx kard SIM?

2) Meta l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tippermetti li jsiru telefonati [lill-112] mingħajr kard SIM, dan ifisser li l-informazzjoni dwar il-post minn fejn isiru tali telefonati għandha tkun iddefinita konformement mal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 […]?

3) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali stabbilita fil-punt 4.5.4 tar-Regoli għall-aċċess [għas-servizzi ta' emerġenza] li tipprevedi b'mod partikolari li l-fornituri tan-netwerk pubbliku tal-mowbajl għandhom jittrasmettu l-informazzjoni tal-post bi grad ta' preċiżjoni li huwa dak tal-kopertura tal-istazzjon bażi (tas-settur) ([…] *Cell-ID*), iżda ma tiddeterminax b'liema grad ta' preċiżjoni minimu d-distanza) l-istazzjonijiet bażi għandhom jistabbilixxu l-post fejn jinsab min jagħmel it-telefonata lanqas kemm għandha tkun id-densità ta' fejn għandhom ikunu stabbiliti l-istazzjonijiet bażi (id-distanza bejniethom), tikkonforma mar-regola prevista fl-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 […], li skontha l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jiddefinixxu l-kriterji relatati mal-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta dwar il-post fejn jinsab min jagħmel it-telefonata?

4) Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda jew għat-tieni domanda fis-sens li l-Istati Membri huma marbuta li jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-post għandha tkun stabbilita skont l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 […] u/jew ir-risposta għat-tielet domanda tkun fis-sens li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma hijiex konformi mal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 […], li tipprevedi li l-awtoritajiet regolatorji kompetenti jiddefinixxu l-kriterji għall-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min jagħmel it-telefonata, il-qorti nazzjonali

għandha, meta tiddeċiedi dwar il-kumpens għad-danni, tikkonstata li hemm rabta kawżali diretta bejn il-ksur tad-dritt tal-Unjoni u d-dannu sostnut mill-individwi, jew huwa biżżejjed li hija tikkonstata li hemm rabta kawżali indiretta bejn il-ksur tad-dritt tal-Unjoni u d-dannu sostnut mill-individwi, meta, skont il-leġiżlazzjoni jew il-ġurisprudenza nazzjonali, li tiġi stabbilita tali rabta kawżali indiretta hija biżżejjed sabiex tagħti lok għal responsabbiltà?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

18 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta t-telefonati ta' emerġenza lill-112, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel hekk kif it-telefonata tasal għand l-imsemmija awtorità anki meta t-telefonata tkun saret minn telefon ċellulari li ma fihx kard SIM.

19 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Litwan isostni li tali sitwazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22, iżda hija rregolata mid-dritt intern ta' kull Stat Membru, f'dan il-każ id-dritt Litwan.

20 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-għan tal-ewwel u tat-tieni domanda huwa, preċiżament, l-applikabbiltà tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22, f'sitwazzjoni bħal dik li wasslet għat-tilwima fil-kawża prinċipali. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju għalhekk ma titlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dritt Litwan iżda sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2002/22.

21 Fir-rigward tar-risposta għal dawn l-istess domandi, mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 jirriżulta li l-obbligu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel jirrigwarda s-"sejħiet kollha għan-numru uniku Ewropew".

22 Għandu jitfakkar ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-Artikolu 26(3) tad-Direttiva 2002/22, fil-verżjoni oriġinali tiegħu, li jikkorrispondi għall-paragrafu 5 tal-istess artikolu fil-verżjoni attwali ta' din id-direttiva, kien jirriżulta li din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri, bil-kundizzjoni tal-possibbiltà teknika, obbligu ta' riżultat, li ma huwiex limitat għall-implimentazzjoni ta' qafas leġiżlattiv xieraq, iżda jeżiġi li l-informazzjoni dwar il-post fejn ikun jinsab kull min iċempel il-112 tiġi effettivament trażmessa lis-servizzi ta' emerġenza (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Litwanja, C-274/07, EU:C:2008:497, punt 40).

23 Għaldaqstant, ma jistax jiġi aċċettat li s-sejħiet għall-112 minn telefon ċellulari li ma fihx kard SIM jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

24 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri, bil-kundizzjoni tal-possibbiltà teknika, l-obbligu li jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta t-telefonati ta' emerġenza lill-112 mingħajr ħlas, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel, hekk kif it-telefonata tasal għand l-imsemmija awtorità, anki jekk it-telefonata tkun saret minn telefon ċellulari li ma fihx kard SIM.

Fuq it-tielet domanda

25 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, sabiex tiddeċiedi fuq il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li ddefinixxiet il-kriterji dwar il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112 mal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22.

26 B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju għandha dubji, kif jirriżulta mill-punt 9 ta' din is-sentenza, fir-rigward tal-punt dwar jekk Stat Membru jistax jillimita ruħu li jipprevedi li l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112 tiġi pprovduta bi grad ta' preċiżjoni li huwa dak tal-kopertura tal-istazzjon bażi. Fil-fatt, jista' jkun meħtieġ mill-operaturi li l-informazzjoni trażmessa tindika, b'grad ta' preċiżjoni minimu, id-distanza ta' min iċempel mill-istazzjon bażi li permezz tiegħu t-telefonata tiegħu ġiet trażmessa. Barra minn hekk, hija tenfasizza li l-leġiżlazzjoni Litwana applikabbli ma tipprevedix kemm għandha tkun id-densità ta' fejn għandhom ikunu stabbiliti l-istazzjonijiet bażi, u lanqas ma tistabbilixxi distanza massima bejniethom.

27 F'dan ir-rigward, qabel kollox, għandu jiġi enfasizzat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tipprovdi lil din il-qorti bl-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jippermettulha tevalwa din il-konformità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2014, Ålands Vindkraft, C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 126).

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet domanda għandha tiġi rriformulata u għandu jiġi kkunsidrat li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-post fejn jinsab min iċempel il-112 li tippermettilhom jillimitaw dawn il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-istazzjoni bażi li jkun ittrażmetta s-sejħa.

29 Kif enfasizzaw il-Gvern Litwan u l-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-formulazzjoni tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 jirriżulta li l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112, li l-impriżi kkonċernati għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta t-telefonati ta' emerġenza mingħajr ħlas, b'mod konformi mal-ewwel sentenza ta' dan l-istess paragrafu.

30 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li mill-premessa 36 tad-Direttiva 2002/22 u mill-premessa 39 tad-Direttiva 2009/136 jirriżulta li t-trażmissjoni obbligatorja tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel hija intiża sabiex ittejjeb il-livell ta' protezzjoni u s-sigurtà tal-utenti tal-112 u tgħin lis-servizzi ta' emerġenza fil-qadi tal-funzjoni tagħhom.

31 Għalhekk, il-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel għandhom, fi kwalunkwe każ, jiżguraw, fil-limiti tal-possibbiltà teknika, l-istabbiliment tal-pożizzjoni ta' min iċempel b'mod affidabbli u preċiż daqs kemm huwa neċessarju sabiex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jagħtuh l-għajnuna b'mod utli.

32 Il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fid-definizzjoni ta' dawn il-kriterji jsib għalhekk il-limitu tiegħu fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-utilità tal-informazzjoni trażmessa sabiex l-istabbiliment effettiv tal-post fejn jinsab min iċempel u, għaldaqstant, l-intervent tas-servizzi ta' emerġenza.

33 Peress li tali evalwazzjoni hija ta' natura teknika ħafna u hija marbuta mill-qrib mal-ispeċifiċitajiet tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni mobbli Litwan, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmilha.

34 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-post fejn jinsab min iċempel il-112, filwaqt li għandu madankollu jiġi speċifikat li l-kriterji li huma jiddefinixxu għandhom jiżguraw, fil-limiti tal-possibbiltà teknika, l-istabbiliment tal-pożizzjoni ta' min iċempel b'mod affidabbli u preċiż daqs kemm huwa neċessarju sabiex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jagħtuh l-għajnuna b'mod utli, li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq ir-raba' domanda

35 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta, konformement mad-dritt intern ta' Stat Membru, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu mġarrab minn individwu tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, tali rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn individwu, għandhiex ukoll titqies bħala suffiċjenti, għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

36 Fl-osservazzjonijiet tiegħu ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Litwan ikkontesta n-natura suffiċjenti, għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat Litwan skont id-dritt nazzjonali, ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa u d-dannu mġarrab. Skont il-Gvern Litwan, mid-dispożizzjonijiet Litwani applikabbli jirriżulta li, sabiex l-Istat jinżamm responsabbli, għandha teżisti rabta kawżali diretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u l-ksur tad-dritt tal-individwu li jkun ġarrab dannu.

37 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha tiddikjara ruħha fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u lanqas li tiddeċiedi jew tivverifika jekk l-interpretazzjoni tagħhom mogħtija mill-qorti tar-rinviju hijiex korretta (sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Macikowski, C-499/13, EU:C:2015:201, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Fir-rigward tar-risposta għar-raba' domanda, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, fost il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal dannu kkawżat lill-individwi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu, tinsab dik tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur ta' dan id-dritt u d-dannu mġarrab minn dawn l-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu, huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà li l-Istat għandu jikkumpensa l-konsegwenzi tad-dannu kkawżat, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw talbiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 123 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Minn dan isegwi li, fil-każ li, skont id-dritt intern ta' Stat Membru, kif interpretat mill-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati interni, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt nazzjonali minn dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab titqies bħala suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, skont il-prinċipju ta' ekwivalenza rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Istat Membru inkwistjoni u d-dannu mġarrab mill-individwi għandha wkoll tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti, għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur.

41 Konsegwentement, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta, konformement mad-dritt intern ta' Stat Membru, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu mġarrab minn individwu tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, tali rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn individwu, għandha wkoll titqies bħala suffiċjenti, għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri, bil-kundizzjoni tal-possibbiltà teknika, l-obbligu li jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta t-telefonati ta' emerġenza lin-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112" mingħajr ħlas, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel, hekk kif it-telefonata tasal għand l-imsemmija awtorità, anki jekk it-telefonata tkun saret minn telefon ċellulari li ma fihx kard SIM.**

2) **L-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22, kif emendata bid-Direttiva 2009/136, għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni tal-post fejn jinsab min iċempel in-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112", filwaqt li għandu madankollu jiġi speċifikat li l-kriterji li huma jiddefinixxu għandhom jiżguraw, fil-limiti tal-possibbiltà teknika, l-istabbiliment tal-pożizzjoni ta' min iċempel b'mod affidabbli u preċiż daqs kemm huwa neċessarju sabiex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jagħtuh l-għajnuna b'mod utli, li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.**

3) **Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta, konformement mad-dritt intern ta' Stat Membru, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu mġarrab minn individwu tiġi kkunsidrata bħala suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, tali rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn individwu, għandha wkoll titqies bħala suffiċjenti, għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.**

Firem